**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Ftehim Internazzjonali tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima: It-tfassil tal-politika internazzjonali dwar il-klima wara 2020"**

*COM(2013) 167 final*

(2014/C 67/29)

Relatur: **is-Sur ZBOŘIL**

Nhar it-8 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Ftehim Internazzjonali tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima: It-tfassil tal-politika internazzjonali dwar il-klima wara l-2020*

COM(2013) 167 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-1 ta' Ottubru 2013.

Matul l-493 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2013 (seduta ta2-16 ta' Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'120 vot favur, 3 voti kontra u 9 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jirrakkomanda li b'konformità mal-Opinjoni tiegħu dwar "Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju – Pjan Direzzjonali 2050" ([1]), l-impenn Ewropew għandu jkun **proattiv, ambizzjuz u realistiku** dwar x'ikun jista' jitwettaq, u **adattabbli** għall-bidliet fl-ambjent globali. Għandu jirrifletti t-tliet pilastri tas-sostenibbiltà, it-trasparenza u r-responsabbiltà bħala prerekwiżiti għas-suċċess ta' kull ftehim futur dwar il-klima. Unjoni Ewropea li hija kapaċi tlaħħaq ma' sfidi esterni se tkun ukoll tista' tipprovdi narrativa ġdida għaċ-ċittadini tagħha.

1.2 Id-dokument tal-Kummissjoni jipprovdi bażi komprensiva għad-diskussjoni dwar u l-preparazzjonijiet għan-negozjati li jmiss dwar it-tibdil fil-klima, bil-ħsieb li jinkiseb Ftehim globali plawżibbli fl-2015.

1.3 Il-Kumitat japprezza l-inizjattiva biex jiġu indirizzati l-prinċipji importanti tal-ftehim globali mistenni, jiġifieri li jkun universali, ambizzjuż, effikaċi, ġust u bilanċjat, trasparenti u legalment vinkolanti, u jappoġġja lill-Kummissjoni hi u twettaq aktar ħidma preparatorja meħtieġa biex jiġi stabbilit qafas għal dan il-Ftehim. In-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima għandhom ikunu forum fejn il-pajjiżi jheġġu lil xulxin biex jimxu 'l quddiem, u ma jżommux lil xulxin lura.

1.4 Ħidma ulterjuri għandha tiffoka fuq l-aċċettazzjoni ġenerali tal-Ftehim globali tal-2015 billi l-mappa ġeopolitika u ekonomika globali nbidlet b'mod sinifikanti f'perjodu ta' żmien qasir. Dawn il-bidliet profondi jridu jiġu kkunsidrati u r-rwol tal-UE fil-politika dwar il-klima u l-enerġija matul il-perjodu ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u fis-snin li ġejjin għandu jiġi eżaminat bir-reqqa. Il-KESE jtenni l-pożizzjoni li ħa fl-Opinjoni dwar Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali ([2]), jiġifieri li l-kawża kemm tal-kriżi finanzjarja u ekonomika kif ukoll tal-kriżi ekoloġika, li toħloq fost affarijiet oħrajn problemi klimatiċi, hi l-użu eċċessiv tar-riżorsi finanzjarji u naturali, u li dawn il-kriżijiet iridu jiġu indirizzati b'approċċ totalment ġdid, kif inhu stabbilit pereżempju fl-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli. L-ekonomija tal-futur trid tkun ibbażata l-aktar fuq is-sorsi tal-enerġija mhux fossili. Għalkemm il-politika tal-UE tibqa' ambizzjuża, il-miri għandhom jiġu deċiżi pass pass f'konformità mal-ambjent globali u kwalunkwe kondizzjonalità għandha tkun definita b'mod ċar.

1.5 Is-sitwazzjoni ekonomika internazzjonali u proċess ta' governanza aċċettat b'mod ġenerali fl-aħħar mill-aħħar se jiffurmaw id-diskussjoni dwar trattat globali futur dwar il-klima. Il-proċess ħa jitmexxa mis-setgħat ekonomiċi ewlenin. L-UE għandha tkun imħejjija sew għar-rwol globali tagħha ta' "mexxejja eżemplari". L-UE però trid toqgħod attenta wkoll li ma titlifx ir-rwol mexxej inkontestabbli tagħha fir-rigward tat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp teknoloġiku. Hija meħtieġa aktar analiżi (imparzjali) għall-valutazzjoni globali tal-Protokoll ta' Kjoto, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha tiegħu, u l-esperjenza għandha tintuża għat-tfassil tal-Ftehim tal-2015. Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-Bord ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) li ġej ukoll se jkun ta' preparazzjoni għall-Ftehim.

1.6 Il-kunsens xjentifiku ġenerali bħalissa jibqa' li jkun totalment insostenibbli jekk it-temperaturi globali jitħallew jogħlew b'iktar minn 2 gradi fuq il-livelli tal-1990, u li l-livelli tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera se jkollhom jiġu stabbilizzati fil-livelli attwali. Sabiex jinkiseb dan hemm bżonn li jonqsu bil-kbir l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Madankollu,

([1]) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 110-116.

([2]) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 77-81.

bħalissa il-livelli tal-gassijiet b'effett ta' serra qed ikomplu jogħlew sena wara l-oħra, u minkejja li b'xorti tajba l-isforzi biex jiġu limitati l-emissjonijiet qed jiżdiedu xorta waħda mhux qed jaslu li jilħqu l-istabbiltà meħtieġa. L-għan ġenerali tas-sensiela ta' negozjati ġodda għalhekk għandu jkun li tiddaħħal l-urġenza fil-proċess u li jiġu żgurati impenji ħafna iktar ambizzjużi u azzjoni mill-pajjiżi kollha u minn kull parti tas-soċjetà.

1.7 L-interessi tan-negozjaturi għandhom ikunu analizzati sew u jiġu identifikati sinerġiji fl-istadju preparatorju biex jiġu evitati kunflitti ta' interess potenzjali u biex ikomplu jibnu fuq is-sinerġiji. Miżuri u miri ambizzjużi u realistiċi għandhom jinbnew b'kunsens u permezz tal-interazzjoni ma' dawk li se jimplimentaw l-azzjonijiet. Waqt li jiġu rakkomandati miżuri u miri, l-inċentivi pożittivi jistgħu jwasslu għal aċċettazzjoni ġenerali u jiżguraw implimentazzjoni tajba.

1.8 Dan jista' biss jinkiseb permezz ta' valutazzjoni trasparenti u eżawrijenti tal-effikaċja, l-ispejjeż u l-impatt pożittiv tal-politiki dwar il-klima għall-ekonomija u s-soċjetà inġenerali. Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni tagħha li l-Ftehim tal-2015, jeħtieġ li jkun inkluživ, billi jiżgura l-impenji li huma "applikabbli għall-pajjiżi kollha", kemm dawk żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw.

1.9 Attivitajiet u azzjonijiet meħuda fil-livell lokali (fil-komunitajiet, is-setturi) mingħajr il-ftehim ġdid globali dwar il-klima huma eżempju perfett ta' approċċ proattiv tas-soċjetà ċivili inġenerali. Fil-fatt, is-soċjetà ċivili m'għandhiex tkun l-esponent ewlieni biss fit-twettiq tal-politiki u l-miri tal-Ftehim tal-2015. Hi għandha wkoll titlob impenn akbar fil-livell politiku u tara li jinżammu l-wegħdiet politiċi li tittieħed azzjoni aktar qawwija għall-ħarsien tal-klima (bħall-impenn li jitwaqqfu s-sussidji għas-sorsi tal-enerġija fossili). Din hija r-raġuni għala l-politiki adottati għandhom jissodisfaw it-talbiet ta' trasparenza u responsabbilizzazzjoni mistennija mis-soċjetà ċivili u jevitaw l-inġustizzji soċjali u ekonomiċi. Il-Ftehim tal-2015 jikkostitwixxi l-ewwel pass fil-mogħdija tat-tranżizzjoni tal-enerġija globali.

1.10 Biex tieħu r-rwol ta' mexxej u jkollha influwenza akbar fin-negozjati internazzjonali, l-UE trid tieħu impenn sod għal miri aktar ambizzjużi għall-2020 u l-2030 u turi kif l-implimentazzjoni ta' dawn il-miri hija parti integrali mill-pjani tagħha għall-irkupru tal-ekonomija u t-tranżizzjoni għal futur aktar sostenibbli. Għalhekk, il-Kumitat iżomm il-pożizzjoni tiegħu li jheġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tal-miri kollha attwali marbutin mal-karbonju għall-2020 u li jerġa' jiġi kkunsidrat li tiżdied il-mira għall-gassijiet b'effett ta' serra għall-2020 għal tnaqqis ta' 25 % fit-triq lejn it-tnaqqis miftiehem ta' 80-95 % sal-2050. Il-Kumitat ikompli jheġġeġ lill-UE sabiex tadotta miri indikattivi għal tnaqqis ta' 40 % tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030 u 60 % sal-2040 u sabiex issegwi dan il-pass b'politiki legalment vinkolanti li jwasslu sabiex jinkiseb dan it-tnaqqis. Hemm bżonn ta' miri indikattivi fuq perjodu twil bħala benchmarks li jagħtu sens ta' prevedibbiltà u stabbiltà lill-investituri u lil dawk li huma responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Ewropa. Huma jkunu jipprovdu wkoll benchmarks b'saħħithom tal-livell ta' ambizzjoni fin-negozjati internazzjonali.

1.11 Huwa diffiċli li wieħed jimmaġina kif l-interessi differenti tal-atturi ewlenin biss jistgħu jiġu rikonċiljati man-negozjati eżistenti bis-sistema "cap and trade". Ħafna partijiet interessati qed jesprimu riżervi u jissuġġerixxi alternattivi ta' kif isiru n-negozjati fil-futur. Għandhom jiġu investigati għażliet oħra possibbli għal kunċett ġdid għal ftehim, ibbażati fuq proġetti bħall-"ibbaġitjar tal-karbonju" jew "imposta globali fuq il-karbonju" jew il-proposta mressqa mill-Indja li jkun hemm dritt tal-emissjoni għal kull bniedem fid-dinja, jew taħlita ta' dawn l-approċċi.

1.12 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-pożizzjoni tal-Komunikazzjoni li ma nistgħux nistennew sakemm il-Ftehim tal-2015 jidħol fis-seħħ fl-2020: l-azzjonijiet li se nieħdu bejn issa u l-2020 se jkunu kruċjali biex il-politiki jitqiegħdu fit-triq it-tajba. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu maħsuba tajjeb u bbażati fuq il-kisbiet realistiċi u tanġibbli fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija u l-iżvilupp, kif wera l-KESE fl-Opinjoni tiegħu dwar "Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju – Pjan Direzzjonali 2050" ([3]).

## 2. **Kontenut tad-dokument tal-Kummissjoni**

2.1 Fl-2011 il-komunità internazzjonali nediet negozjati dwar ftehim internazzjonali ġdid biex taġixxi b'mod kollettiv għall-ħarsien tas-sistema tal-klima dinjija. Dan il-ftehim, li għandu jitlesta sal-aħħar tal-2015 u jibda japplika mill-2020 'il quddiem, bħalissa qed jiġi nnegozjat permezz ta' proċess magħruf bħala l-"Pjattaforma ta' Durban għall-Azzjoni Mtejba" (ADP).

2.2 Il-Ftehim tal-2015, sal-2020 se jkollu jlaqqa' flimkien it-taħlita attwali ta' ftehimiet vinkolanti u mhux vinkolanti skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-Konvenzjoni), f'reġim komprensiv uniku.

2.3 In-natura unilaterali jew "minn isfel għal fuq" tal-proċess tal-wegħdiet ta' Kopenħagen-Cancun ippermettiet approċċ internazzjonali aktar inkluživ.

2.4 Fit-tfassil tal-Ftehim tal-2015 se jkollna nitgħallmu mis-suċċessi u n-nuqqasijiet tal-Konvenzjoni, il-Protokoll ta' Kjoto, u l-proċess Kopenħagen-Cancun. Se jkollna nimxu lil hinn mill-paradimma tat-Tramuntana-Nofsinhar li kienet tikkaratterizza d-dinja fis-snin disgħin lejn waħda bbażata fuq interdipendenza reċiproka u responsabbiltà kondiviża.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE diġà saħaq fl-Opinjoni tiegħu dwar Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE ([4]) li jeżistu analoġiji bejn il-kriżi finanzjarja u dik ekoloġika: it-tnejn jirriżultaw mill-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi ekonomiċi jew naturali. Fl-Opinjoni msemmija l-Kumitat jitlob li "fil-każ tal-kriżi ambjentali jkun hemm reazzjoni bħal dik mogħtija bil-miżuri adottati fil-patt

([3]) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 110-116.
([4]) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 77-81.

fiskali għall-għlieda kontra l-kriżi finanzjarja: linji gwida u indikaturi ċari, kontrolli u sanzjonijiet". Dan issa japplika wkoll għan-negozjati futuri dwar il-klima li jridu jagħtu sinjal ċar favur l-iżvilupp ta' ekonomija dinjija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti.

3.2 Seħħew bidliet ġeopolitiċi importanti u jeħtieġ li jiġu kkunsidrati bi preparazzjoni għall-istrateġija tan-negozjati. F'perjodu ta' żmien qasir, il-mappa ġeopolitika u ekonomika globali għaddiet minn bidliet ewlenin. Dawn il-bidliet profondi rriżultaw parzjalment mill-kriżi finanzjarja, li hija marbuta ma' kriżi ekonomika fl-UE fejn ir-Rata ta' Investiment fin-Negozju naqset minn 23 punt (2008) għal 18,3 punti (2013, l-ewwel nofs) (Eurostat). Ir-rwol tal-politika dwar il-klima u l-enerġija tal-UE matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku għandu jkun eżaminat bir-reqqa meta jitfasslu n-negozjati li jmiss.

3.3 Dawn l-isforzi għadhom mhumiex biżżejjed. Ix-xenarju ekonomiku internazzjonali fl-aħħar mill-aħħar se jsawwar aktar diskussjoni dwar trattat globali għall-ġejjieni dwar il-klima, u l-proċess se jkun xprunat mill-potenzi ekonomiċi ewlenin: iċ-Ċina u l-Istati Uniti, imbagħad l-Indja u l-pajjiżi BRICS l-oħra (li flimkien huma responsabbli għal 61,8 % tal-emissjonijiet globali fl-2012). Fil-fatt, sal-2020 se jibnew l-ekwivalenti ta' 400-600 GWs f'impjanti ġodda ta' ġenerazzjoni tal-enerġija li jitħaddmu bil-faħam. L-UE tinsab f'nofs reċessjoni ekonomika li swiet 3,8 miljun impjieg u naqqset il-produzzjoni industrijali b'madwar 20 %, filwaqt li żdied l-għadd ta' impjegati fis-settur tal-enerġiji rinnovabbli u fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija.

3.4 Madankollu, hemm sinjali pożittivi fil-qasam tal-ħarsien tal-klima:

— Fl-UE l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli rrappreżentaw 71,3 % tal-installazzjonijiet il-ġodda fl-2011 (total ta' 32.0 GW ta' kapaċità ta' enerġija ġdida minn 44.9 GW); u fl-2012, l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli kienu jirrappreżentaw 69 % tal-installazzjonijiet il-ġodda (31 GW minn total ta' 44.6 GW tal-kapaċità tal-enerġija l-ġdida). Fl-2011 bdew jintużaw impjanti ġodda li jaħdmu bil-faħam b'kapaċità ta' 2.1 GW, iżda ġew dekommissjonati impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam ta' 840 MW. Fl-2012, il-kapaċità ta' impjanti tal-faħam li ġew dekommissjonati (5.4 GW) saħansitra qabżet il-kapaċità tal-impjanti l-ġodda li jaħdmu bil-faħam (3.0 GW) kważi bid-doppju.

— Il-livelli għoljin ta' emissjonijiet totali miċ-Ċina (26,7 % tal-emissjonijiet globali) iridu jitqiesu f'rabta mal-proporzjon tal-popolazzjoni dinjija (19 %). Meta mqabbla mal-UE (7 % tal-popolazzjoni, 11,5 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra) jew l-Istati Uniti (4,4 % tal-popolazzjoni u 16,8 % tal-gassijiet b'effett ta' serra), l-emissjonijiet taċ-Ċina għal kull ras għadhom relattivament baxxi. Irid jiġi rikonoxxut li ċ-Ċina wiegħdet li ssaħħaħ l-użu tal-enerġija mir-riħ u sorsi oħra rinnovabbli, billi żżid il-proporzjon ta' karburanti mhux fossili fit-taħlita enerġetika globali tagħha, peress li għandha l-ħsieb li tnaqqas l-intensità tal-emissjonijiet tal-karbonju għal kull unità tal-PDG b'40 % sa 50 % sal-2020.

— Fl-Istati Uniti, l-enerġiji rinnovabbli qed jiżviluppaw b'rata mgħaġġla; fl-2012, għall-ewwel darba, l-enerġija mir-riħ saret l-ewwel sors tal-kapaċità l-ġdida tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-Istati Uniti, u tirrappreżenta madwar 43 % tal-addizzjonijiet elettriċi l-ġodda b'aktar minn 13 GW miżjuda mal-grid.

3.5 Id-dinja mhijiex miexja fit-triq it-tajba biex tilħaq l-għan miftiehem mill-gvernijiet, li tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura medja globali għal 2 gradi Ċentigradi (°C) fuq medda twila ta' żmien. L-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra qed jiżdiedu b'mod rapidu, u f'Mejju 2013 il-livelli tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) fl-atmosfera qabżu l-400 partijiet għal kull miljun (ppm).

3.6 Il-politiki li diġà ġew implimentati, jew qed jiġu implimentati bħalissa, x'aktarx li jwasslu għal żieda fit-temperatura medja fit-tul ta' bejn 3,6 °C u 5,3 °C (meta mqabbla mal-livelli preindustrijali), b'ħafna miż-żieda isseħħ f'dan is-seklu (ibbażat fuq l-immudellar tal-klima).

3.7 Biex ikun possibbli li tintlaħaq il-mira ta' 2 °C, hija meħtieġa azzjoni reali qabel l-2020, meta ftehim internazzjonali ġdid dwar il-klima mistenni jidħol fis-seħħ. L-enerġija hija fil-qalba ta' din l-isfida: is-settur tal-enerġija jipproduċi madwar żewġ terzi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, peress li aktar minn 80 % tal-konsum globali tal-enerġija huwa bbażat fuq il-fjuwils fossili.

3.8 Minkejja żviluppi pożittivi f'xi pajjiżi, l-emissjonijiet globali tas-$CO_2$ b'rabta mal-enerġija żdiedu b'1,4 % u laħqu 31,6 gigatunnellata (Gt) fl-2012 — massimu storiku. Pajjiżi li mhumiex fl-OECD issa jipproduċu 60 % tal-emissjonijiet globali, żieda minn 45 % fl-2000. Fl-2012, iċ-Ċina ikkontribwiet l-iktar għaż-żieda fl-emissjonijiet globali tas-$CO_2$, iżda dik iż-żieda kienet waħda mill-iktar baxxi fl-aħħar għaxar snin, dan it-titjib xprunat prinċipalment mill-użu tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib sinifikanti fl-intensità tal-enerġija tal-ekonomija Ċiniża.

3.9 Fl-Istati Uniti, bidla mill-użu tal-faħam għall-gass fil-produzzjoni tal-enerġija għenet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'200 miljun tunnellata (Mt), li wassal biex jerġgħu lura għall-livell ta' nofs is-snin 90. Minkejja ż-żieda fl-użu tal-faħam, l-emissjonijiet fl-Ewropa naqsu b'50 Mt minħabba t-tnaqqis ekonomiku, użu ikbar tal-enerġiji rinnovabbli u limitu fuq l-emissjonijiet mis-setturi industrijali u tal-enerġija. L-emissjonijiet fil-Ġappun żdiedu b'70 Mt, billi l-isforzi biex titjieb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ma kkumpensawx kompletament l-użu tal-fjuwils fossili biex jikkumpensaw għal tnaqqis fl-enerġija nukleari. Anki jekk wieħed jikkunsidra l-politiki li qed jiġu segwiti bħalissa, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra marbuta mal-enerġija fl-2020 huma pproġettati li jkunu kważi 4 Gt ekwivalenti tal-$CO_2$ ($CO_2$-eq) ogħla minn livell meħtieġ għall-kisba tal-mira ta' 2 °C, li juri l-iskala tal-isfida li għad trid tiġi affrontata biss biss f'dawn l-għaxar snin.

3.10 In-negozjati internazzjonali dwar il-klima rriżultaw f'wegħda biex jintlaħaq ftehim globali ġdid sal-2015, li jidħol fis-seħħ sal-2020. Iżda l-kriżi ekonomika kellha impatt negattiv fuq it-tnedija tal-użu tal-enerġija nadifa u fuq is-swieq tal-karbonju. Bħalissa, 8 % tal-emissjonijiet globali tas-$CO_2$ huma soġġetti għal prezz tal-karbonju, filwaqt li 15 % jirċievu inċentiv ta' $110 għal kull tunnellata fil-forma ta' sussidji għall-fjuwils fossili (barra mill-pajjiżi tal-UE). Il-KESE jitlob lill-komunità internazzjonali biex il-Ftehim tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima jimplimenta b'mod vinkolanti l-wegħda li saret fl-2012 fid-dokument finali tal-Konferenza Rio+20 tan-Nazzjonijiet Uniti, jiġifieri li jitwaqqfu s-sussidji għas-sorsi tal-enerġija fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent, li skont stimi tal-Bank Dinji jammontaw għal USD 780 biljun fis-sena.

3.11 Id-dinamika tal-prezzijiet bejn il-gass u l-faħam qed tappoġġa t-tnaqqis fl-emissjonijiet f'xi reġjuni iżda qed iddewimhom f'oħrajn, filwaqt li l-enerġija nukleari qed tiffaċċja diffikultajiet u l-ġbir u l-ħżin tal-karbonju fuq firxa wiesgħa jibqgħu wisq 'il bogħod. Minkejja l-momentum dejjem jikber biex titjieb l-effiċjenza tal-enerġija, għad hemm potenzjal ekonomiku kbir li għadu ma ġiex sfruttat. Sorsi rinnovabbli mhux mill-ilma, appoġġjati minn miri ta' politika tal-gvern, qed igawdu minn tkabbir b'żewġ ċifri tal-kapaċitajiet installati. L-investiment fis-sorsi rinnovabbli jeħtieġ ambjent ekonomiku stabbli kemm għall-prezzijiet tal-karbonju u, eventwalment, fit-tassazzjoni f'pajjiżi fejn tintuża t-taxxa fuq il-karbonju.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 *Kif jista' jitfassal il-Ftehim tal-2015 biex jiżgura li l-pajjiżi jkunu jistgħu jwettqu żvilupp ekonomiku u sostenibbli filwaqt li jheġġiġhom jipparteċipaw b'mod ekwu u ġust fir-rigward tat-tnaqqis ta' emissjonijiet globali serra sabiex nilħqu l-għan taż-2 °C hawn taħt?* L-ewwel nett, huwa diffiċli li wieħed jimmaġina kif l-interessi differenti tal-atturi ewlenin biss jistgħu jiġu rikonċiljati man-negozjati eżistenti bis-sistema "cap and trade", madankollu kontribuzzjonijiet ekwi u ġusti minn kull pajjiż huma kundizzjonijiet meħtieġa għal kwalunkwe ftehim futur. Għalhekk, mill-inqas għandhom jiġu żviluppati għażliet oħra possibbli, għal kunċett differenti ta' ftehim, u kwistjonijiet ta' governanza għandhom ikunu rikonoxxuti. Għandhom jinstabu mezzi biex ikun żgurat li l-azzjonijiet meħuda biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima jgħinu għat-tkabbir u l-iżvilupp soċjetali, ekonomiku u ambjentali. Dan jista' biss jinkiseb permezz ta' valutazzjoni trasparenti u eżawrijenti tal-effikaċja, l-ispejjeż u l-impatt pożittiv tal-politiki dwar il-klima għall-ekonomija u s-soċjetà inġenerali. Għandna nitgħallmu mill-Protokoll ta' Kjoto, bil-kumplessità u l-lakuni kollha tiegħu. Għandu jkun punt ta' tluq utli għal ħidma serja fuq kunċett ġdid. L-estenzjoni għall-Kjoto II u l-kopertura tal-emissjonijiet tiegħu huwa sinjal qawwi ħafna, li jitlob bidla kunċettwali.

4.2 *Kif jista' l-Ftehim tal-2015 jiżgura bl-aħjar mod il-kontribuzzjoni tal-ekonomiji prinċipali kollha u s-setturi u jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju potenzjali tar-rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju bejn ekonomiji kompetittivi ħafna?* Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju huwa fenomenu mhux biss marbut mal-industriji li jużaw ħafna enerġija, li potenzjalment qed jonqsu – huwa inerenti fil-kundizzjonijiet ġenerali tat-twettiq tan-negozju fiż-żona ekonomika individwali. Żbilanċ fil-kundizzjonijiet tal-karbonju, prinċipalment bejn l-aktar reġjuni kompetittivi, naqqas l-investiment fl-UE. Miżuri u miri ambizzjużi u realistiċi għandhom jinbnew b'kunsens u permezz tal-interazzjoni ma' dawk li se jimplimentaw l-azzjonijiet. Għalhekk Ftehim sempliċi, ekwu u ġust għall-2015 huwa prekundizzjoni għal ambjent kummerċjali ekwu fir-reġjuni kollha tal-ekonomija globali.

4.3 *Kif jista' l-Ftehim tal-2015 iħeġġeġ bl-aktar mod effettiv l-inklużjoni tat-tibdil fil-klima fl-oqsma kollha relevanti tal-politika? Kif jista' jħeġġeġ il-proċessi u l-inizjattivi kumplimentari, inkluż dawk imwettqa minn atturi mhux statali?* Ovvjament, l-aktar mod effettiv biex jiġi integrat il-Ftehim tal-2015 fl-oqsma kollha ta' politika relevanti huwa li jkun sempliċi. Kull provvediment eċċessiv immirat għall-organizzazzjoni ta' dan il-proċess se jagħmel il-Ftehim aktar diffiċli biex jiġi implimentat. Huwa importanti wkoll li l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima f'oqsma oħra ta' politika ssir b'valutazzjoni tal-impatt trasparenti. Meta t-tibdil fil-klima jkun inkluż f'oqsma oħra ta' politika, huwa importanti li jiġi żgurat li dan isir bl-iktar mod kosteffettiv u prevedibbli, mingħajr ma jiġi impost piż amministrattiv mhux meħtieġ fuq il-partijiet interessati. Approċċi bbażati fuq is-suq għandhom jiġu privileġġati.

4.4 *Liema kriterji u prinċipji għandhom jiggwidaw id-determinazzjoni ta' distribuzzjoni ekwa ta' impenji fil-konfront tal-mitigazzjoni tal-Partijiet għall-Ftehim tal-2015 flimkien ma' spettru ta' impenji li jirriflettu ċirkostanzi nazzjonali, huma meqjusa minn ħafna bħala ekwi u ġusti u li huma kollettivament suffiċjenti biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas fl-ambizzjoni?* Iż-żamma tal-"cap-and-trade" teħtieġ kriterji u prinċipji, u dejjem se tkun il-kaġun ta' sensazzjonijiet ta' inġustizzja u trattament inġust. Madankollu, fil-każijiet kollha għandha tingħata konsiderazzjoni lid-dinamiċi tas-suq li jaffettwaw settur, ir-regolamenti dwar it-tibdil fil-klima eżistenti u proposti li jaffettwawh, u l-maturità tas-settur fir-rigward tal-isforzi tiegħu biex jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u juża teknoloġiji b'użu effiċjenti tal-enerġija. Biex dan jirnexxi u jkun sostenibbli, irid ikun hemm ukoll inċentiv għall-parteċipanti kollha li jaħdmu biex jiksbu għanijiet, bħal pereżempju jillimitaw l-emissjonijiet, itejbu l-effiċjenza, jikkoperaw dwar ir-riċerka, jaqsmu l-prattiki tajba, eċċ. Imposta tal-karbonju, iżda, tista' twassal għal-liffrankar tal-emissjonijiet u żżid il-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp u l-adattament bl-aktar mod koordinat u effiċjenti.

4.5 *X'għandu jkun l-irwol tal-Ftehim tal-2015 rigward l-indirizzar tal-isfida ta' adattament u dan kif għandu jibni fuq ix-xogħol li għadu għaddej skont il-Konvenzjoni? Kif jista' l-Ftehim tal-2015 jinċentiva aktar l-inklużjoni tal-adattament fl-oqsma relevanti kollha tal-politika?* Fil-fatt l-adattament huwa mfassal tajjeb u huwa bbażat fil-biċċa l-kbira fuq programmi eżistenti ta' mmaniġġjar tar-riskji. Filwaqt li l-adattament mhux se jelimina r-riskji kollha mill-impatt tat-tibdil fil-klima, jagħti kontribut importanti sabiex ikunu limitati r-riskji f'ħafna oqsma. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-adattament jeħtieġ analizi ulterjuri, issettjar tal-prijoritajiet,

ippjanar u azzjoni fil-livelli kollha tal-gvern, u jeħtieġ il-parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali u n-negozju. Bir-raġun, l-adattament mistenni li jkun wieħed mill-erba' prinċipji tal-Ftehim tal-2015 futur. B'mod partikolari, in-negozju għandu jkollu rwol permezz ta' trasferiment teknoloġiku u l-qsim tal-aħjar prassi.

4.6 *X'għandu jkun l-irwol futur tal-Konvenzjoni u b'mod speċifiku tal-Ftehim tal-2015 fl-għaxar snin ta' qabel l-2030 fir-rigward tal-finanzi, il-mekkaniżmi bbażati fuq is-suq u t-teknoloġija? Kif jista' jsir avvanz fuq l-esperjenza eżistenti u kif jistgħu l-oqfsa jittejbu aktar?* Il-Konvenzjoni għandha ssir korp ta' koordinament għall-miżuri klimatiċi ewlenin, li tissorvelja l-prestazzjoni tal-pajjiżi u l-flussi finanzjarji kbar u l-iskambju tat-teknoloġija. Il-kumpaniji huma prinċipalment responsabbli għat-teknoloġija u l-użu tat-teknoloġija. Permezz tal-Kumitat Eżekuttiv tat-Teknoloġija (TEC) u Ċentru u Netwerk tat-Teknoloġija tal-Klima (CTCN), il-Konvenzjoni tista' tipprovdi analiżi esperta ta' teknoloġiji u tagħti aċċess sħiħ għall-informazzjoni lin-nazzjonijiet, li b'hekk ikunu jistgħu jagħżlu l-aktar teknoloġiji xierqa.

4.7 *Kif jista' l-Ftehim tal-2015 itejjeb aktar it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-pajjiżi fuq livell internazzjonali? Safejn għandha tkun standardizzata globalment sistema ta' kontabbiltà? Kif jistgħu l-pajjiżi jinżammu responsabbli meta jonqsu milli jissodisfaw l-impenji tagħhom?* Fi kwalunkwe każ, is-sistema tal-kontabilità jeħtieġ li tkun standardizzata globalment, irrispettivament minn kif dan isir, billi informazzjoni korretta hija essenzjali fejn jidħol il-flus. Dan huwa wkoll ta' importanza kbira sabiex tinkiseb ir-responsabilità fir-rigward tal-Ftehim tal-2015.

4.8 *Kif jista' l-proċess tan-negozjar tal-klima tan-Nazzjonijiet Uniti jittejjeb b'mod li jiffaċilita l-ksib ta' ftehim inkluživ, ambizzjuż, effettiv u ġust fl-2015 u jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu?* Huma meħtieġa parteċipazzjoni wiesgħa mill-partijiet interessati u proċess trasparenti biex jiżguraw li jintlaħaq ftehim b'mod sodisfaċenti u dan jiġi implimentat. In-negozji jistgħu joffru l-għarfien espert tagħhom għan-negozjati dwar il-klima dwar modi effettivi biex jonqsu l-emissjonijiet u jiġu żviluppati soluzzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-komunità tan-negozju b'mod ġenerali tista' wkoll tiżgura li l-isforzi jkunu jistgħu jitqabblu u li jkun hemm kundizzjonijiet indaqs. Il-Ftehim globali ġdid tal-2015 huwa biss l-ewwel pass u l-implimentzzjoni sħiħa tal-Ftehim jiddependi fuq is-soċjetà ċivili inġenerali. Għalhekk, il-proċess u r-riżultati tal-implimentazzjoni għandhom ikunu trasparenti u konvinċenti, sabiex jirbħu l-fiduċja fost iċ-ċittadini madwar id-dinja.

4.9 *Kif tista' l-UE tinvesti bl-aħjar mod u ssostni proċessi u inizjattivi barra mill-Konvenzjoni biex twitti t-triq għal ftehim ambizzjuż u effettiv fl-2015?* Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon id-dibattitu li beda minn dan id-dokument tal-Kummissjoni. Analiżi esperta indipendenti tal-aspetti kollha tal-politika dwar il-klima hija ta' importanza kbira, speċjalment fid-dawl tax-xenarju ġeopolitiku globali li nbidel u qed jinbidel. Xi analiżi hija diġà disponibbli, għalhekk mhuwiex meħtieġ li tinbeda ħidma mix-xejn. Wieħed jista' jibda mill-ittra li ntbagħtet lill-President tal-Istati Uniti mill-Kunsill ta' konsulenti xjentifiċi tiegħu li ġabret il-kwistjonijiet mqajma mit-tibdil fil-klima. Il-lezzjoni mill-Ftehim ta' Kjoto u n-natura fit-tul tan-negozjati tan-NU jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa għall-bidla qabel ma jkun tard wisq. Barra minn hekk, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula minn organizzazzjonijiet ta' esperti bħall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija għandhom u jistgħu jkunu implimentati mingħajr dewmien eċċessiv. Ir-rapport tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija "Redrawing the Energy Climate Map" joffri approċċ prammatiku u fattibbli. Erba' politiki bażiċi li jistgħu jintlaħqu stipulati fir-rapport huma: it-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fil-bini, l-industrija u t-trasport; it-tnaqqis fil-bini u użu ta' impjanti tal-faħam mhux effiċjenti; it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan mill-produzzjoni taż-żejt u l-gass naturali u t-tħaffif gradwali ta' xi sussidji tal-konsum ta' fjuwils fossili.

Brussell, 16 ta' Ottubru 2013

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE